**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

SEDUTA NRU. 16 – IT-TLIETA, 9 TA' FRAR 2016

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |
| | Alfreda Abela | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Evelyn Muscat | Membru |
| | Joe Bonello | Membru |

## 1. APOLOĠIJI

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa lill-membri preżenti li s-Sinjuri Muscat u Bonello talbu li jkunu skużati mil-laqgħa minħabba impenji oħra li ma kellhomx kontroll fuqhom.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦAT PREĊEDENTI

2.1. Il-minuti tal-laqgħa numru 15 kienu meqjusa moqrija.

2.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON

3.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li issa l-MEPA kienet qed tagħmel distinzjoni bejn il-fondi tal-UIF li jappartjenu lil Baħar iċ-Ċagħaq minn dawk tal-kumplament tan-Naxxar. Għalhekk infurmat li l-allokazzjoni tal-UIF għal Baħar iċ-Ċagħaq tammonta għal €39,720.

## 4. IL-PROĠETT TA' XATT IL-PALM

4.1. Iċ-Chairperson infurmat li kienu kkuntattjawha mill-uffiċċju tal-Perit Borg Marks u wara bagħtu *surveyor* biex ikun jista' jara x'hemm bżonn isir biex tkun irranġata ż-żona.

4.2. Infurmat li kien hemm qbil li kien aktar meħtieġ li jkun hemm parkeġġ iżda, minħabba li kienu meħtieġa l-permessi tal-MEPA, iż-żona kienet se tinfetaħ għall-parkeġġ u jinfirex materjal addattat li però ma jkunx tarmak. Is-SE kien mitlub biex jagħmel pressjoni ħalli dak li għandu jsir isir mill-aktar fis possibli.

4.3. Is-SE kien mitlub ukoll biex iressaq it-talba biex isiru t-*traffic lights* fi Triq il-Kosta minħabba li hemm is-sinjali li jindikaw li suppost hemm traffic lights.

4.4. Sadanittant iċ-Chairperson ikkummentat li fi Triq il-Kosta qabel ma tidħol għal Triq ir-Ridott mhux qed ikun isir knis regolari.

## 5. LAQGĦA TAL-KOMUNITÀ

5.1. Fuq proposta taċ-Chairperson il-Kumitat qabel li għandu jorganizza laqgħa tal-Komunità nhar il-Ġimgħa l-20 ta' Mejju fis-7pm.

5.2. Il-Kumitat appella biex issir insistenza biex kemm jista' jkun malajr ikun finalizzat ix-xogħol fuq Trejqet il-Kampanjol, ikunu tlestew u ġew installati t-tabelli l-ġodda tal-ismijiet tat-toroq filwaqt li possibilment ikunu żviluppati xi ideat għal proġetti ġodda.

5.3. Kien suġġerit li l-Kumitat, wara li jipprepara xi proposti għal proġetti fiż-żona, jistieden lill-Ministri konċernati kif ukoll lill-istampa ħalli l-proposti jkunu spjegati fid-dettall. Dan bit-tama li l-Kumitat eventwalment isib l-għajnuna tal-Ministeri konċernati.

## 6. IL-KUNTRATT TAL-ART TAL-ISCOUTS (CAMPING SITE)

6.1. Il-Kumitat kien infurmat li l-kuntratt li d-Dipartiment tal-Artijiet għandu mal-iscouts ta' B'Kara kellu jiskadi matul din is-sena. Il-Kumitat kien diġà esprima x-xewqa mal-Awtoritajiet biex il-kuntratt ma jkunx imġedded madanakollu ma kienx hemm ħjiel ta' x'direzzjoni kien se jieħu l-Gvern Ċentrali.

6.2. Iċ-Chairpeson infurmat li s-Sinj. Evelyn Muscat qed tagħmel l-arranġament meħtieġa biex issir laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Dr Deborah Schembri, li hija responsabbli mill-Artijiet.

## 7. ĦWEJJEĠ OĦRA

7.1. Il-Viċi Chairperson Maria Vella infurmat li hemm problema bil-kors tas-*circuit training* minħabba li min qiegħed jorganizza tixtieq li tagħmlu hi għal rasha. Il-Kumitat però ma qabilx u insista li l-organizzatur għandu jibqa' jkun il-Kumitat.

7.2. Saret mistoqsija dwar id-dawl mitlub fi Triq A M Caruana (double arm) u Triq id-Dwieli. Is-SE wiegħed li se jgħaddi informazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

## 8. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

8.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 10 ta' Marzu, 2016 fil-5:00pm.

8.2. Il-laqgħa ntemmet fis-6:50pm.

| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
|---|---|
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |